MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2014

Rikors Generali Numru. 141/2014

Direttur tad-Dipartiment Ghal Standards fil-Harsien Socjali

Vs

A B

Il-Qorti:

Rat ir-rikorsipprezentat fil-15 ta’ April 2014 li permezz tieghu r-rikorrent ippremetta:

Illi dan ir-rikors qiegħed isir ai terimini ta’ l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta’ Minuri (Kapitolu 410 tal-liġijiet ta’Malta) li bih ġew irratifikati żewġ Konvenzjonijiet, waħda dwar l-Aspetti Ċivili ta’ Sekwestru Internazzjonali ta’ Minuri (*Hague Convention 1980*) u l-konvenzjoni l-oħra dwar ir- Rikonoxximent u l-Infurzar ta' Deċiżjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-Kustodja ta' Minuri u dwar ir-Restituzzjoni tal-Kustodja ta' Minuri (*Luxembourg Convention 1980).*

Illi r-rikors odjern jirrigwarda l-minuri X C li twieled fit-28 ta’ Diċembru 2009 fl-isptar tal-Mater Dei (tal-Qroqq Malta) u dan skont kif jindika ċ-ċertifikat tat-twelid, kopja ta’ dan hu hawn anness u immarkat bħala Dok. HS1.

Illi X B huwa il-wild tas-sur PC u tas-Sinjura A B, li għalkemm twieled barra miż-żwieġ il-ġenituri tiegħu kienu t-tnejn qed jabitaw flimkien fl-Ingilterra meta l-omm ġiet lura f’Malta bit-tifel mingħajr l-kunsens tal-missier. Dan ġara f’xi data ftit wara it-13 ta’ Diċembru 2013, skond kif spjegat f’Sezzjoni 6 ta’ l-Aplikazzjoni mibgħatuha mill-Awtorità Ċentrali ta’ l-Ingilterra, kopja ta’ din l-applikazzjoni hi hawn annessa u immarkata bħala Dok. HS2.

Illi kif jirriżulta mill-affidavit tas-sur C magħmul minnu fit-23 ta’ Marzu 2013, hu u l-omm kienu qiegħdin jgħixu it-tnejn li huma fl-Ingilterra meta l-minuri X C ġiet imneħħiha mill-UK u ġiet miġjuba lejn Malta, kopja ta’ dan l-affidavit hu hawn anness u immarkat bħala Dok. HS3.

Illi l-fatti kif spjegati mill-Awtorità Ċentrali fl-Ingilterra tramite applikazzjoni (Dok. HS2) huma s-segwenti:

1. L-Omm u l-missier kienu iddeċidew li jemigraw lejn l-Ingilterra bl-intenzjoni illi jsibu xogħol u jgħixu hemmek. Huma iddeċidew illi t-tifel kien ser ikollu futur aħjar kieku huwa jikber fl-Ingilterra u għalhekk iddeċidew illi jmorru jgħixu hemmhekk.

2. Huma emigraw lejn l-Ingilterra f'Mejju ta' 2012 u dak iż-żmien l-Omm kienet taħdem bit-telephone mid-dar ma kumpanija fil-UK. Imma hija ftit wara waqfet taħdem għax iddejqet. Fl-istess ħin l-missier kien qed japplika għal kull tip ta' xogħol illi huwa kien ikkwalifikat illi jagħmel.

3. Wara xagħarejn jgħixu mingħajr *income* huma applikaw għas-servizzi soċjali illi huma kienu intolati għalihom. Eventwalment l-missier sab xogħol u l-omm bdiet kors ta' tħejjija sabiex tidħol tistudja l-Università fl-Ingilterra s-sena ta' wara.

4. Wara sena u tlett xhur jgħixu flimkien l-omm u l-missier itterminaw r-relazzjoni tagħhom. L-omm marret toqgħod f'post illi bdiet tikri hi għaliha waqt li l-missier baqgħa jgħix fid-dar illi orġinalment kienu jgħixu flimkien fiha.

5. F'Settemrbu l-omm daħlet l-Università (Manchister Metropolotian) u ntlaħaq ftehim verbali dwar l-aċċess li jkollu l-missier għat-tifel, liema access kien ser jibda' jiġi eżerċitat kull nhar ta' Erba, Sibt u Hadd u fil-weekend.

6. Illi fiż-żmien meta kienu qiegħdin jgħixu separati minn xulxin fl-Ingilterra huma irritornaw għal ġimgħa biss lejn Malta u matul din il-ġimgħa huma iltaqaw waqt l-festa tar-raħal, fejn fl-liema inkontru huwa allegat illi l-omm waddbet tazza bl-alkoħol lejn l-missier.

7. Xagħar qabel il-Milied l-omm informat lil missier illi hija kien beħsieba tinżel Malta għal-Milied u dan għaliex missierha kien xtralha billjet ta' l-ajru lejn Malta bħala rigal tal-Milied. Il-missier PC qabel ma dan peress li hu kien tal-fehema illi dan jkun opportun għat-tifel illi jara lin-nanniet tiegħu.

8. Fit-13 ta' Diċembru l-omm ċemplet lil missier sabiex tinformah illi oħt il-missier ser ikun tista' tiġbor lil minuri X mill-iskola. Fis-16 ta' Diċembru oħt l-missier marret tiġbor lil minuri mill-iskola imma dan ma kienx hemmek. Wara dan il-missier prova jikkuntatja lil omm bit-telephone u l-mobile kemm il-darba imma dan kien kollu għalxejn u għalhekk huwa għamel rapport għand tal-pulizija fl-Ingilterra.

9. Il-missier mill-ewwel issuspetta illi l-omm ħatfet lit-tifel u ġabitu lejn Malta u għalhekk huwa ikkuntatja lil ommu sabiex iċċempel lil omm A B sabiex tiċċekja fejn qiegħda bintha u din ikkonfermat illi A kienet irritornat lura lejn Malta.

Illi fl-1 ta' Marzu 2014 l-Awtorità Ċentrali f'Malta irċeviet talba mingħand l-Awtorità Ċentrali fl-Ingilterra sabiex hija tmexxi b'applikazzjoni għar-ritorn tal-minuri X C u dan ai termini ta' l-applikazzjoni magħmluha skond l-konvenzjoni ta' l-Ajja (Dok. HS2).

Illi l-Awtorità Ċentrali ta' Malta ġiet awtorizzata minn l-Awtorità Ċentrali fl-Ingilterra sabiex tipproċedi kontra l-omm f'Malta u tagħmel dak li huwa permessibbli bil-liġi Maltija sabiex tirritorna il-minuri lejn l-Ingilterra, peress illi l-*habitual residence* tal-minuri X C hija fl-Ingilterra u hija kienet imneħħija mill-*habitual residence* tagħha mingħajr l-kunsens tal-missier fi żmien meta huwa wkoll kellu l-jedd illi jipparteċipa f'tali deċiżjoni.

Talab in vista ta' dak suespost li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tordna illi jsir ir-ritorn tal-minuri X C ġewwa l-Ingilterra fi żmien qasir;
2. Tordna illi l-omm tiddikjara quddiem din l-Onorabbli Qorti jekk hijiex ser tikkopera ma din l-Onorabbli Qorti u fil-kas illi hija tikkonferma li

sejra tagħmel hekk, tordna li l'omm tiġi afdata tirritora lil minuri X lejn l-Ingilterra;

3. Tordna illi fil-frattempt tagħti dawk id-direttivi fl-interess tal-minuri konċernati, inkluz l-avviż lill-awtoritajiet konċernati, biex huma jiġu salvagwardjati milli jergghu jittiehdu b'mod illecitu minn go Malta għal ġo xi pajjiz ieħor;
4. Tordna illi kwalunkwe tentattiv da parti tal-intimata sabiex tipprova twaqqaf jew ixxekkel lill-missier milli jeżerċita d-dritt tiegħu għal-kura u l-kustodja għandu jiġi interpretat bħala disprezz lejn l awtorita' ta' din il-Qorti u il-Qorti tordna li f'dak il-każ, għandhom jittieħdu l-passi neċessarji kontra l-istess intimata b'mod awtomatiku;
5. Tordna li f'każ li l-intimata ma tikkoperax, allura l-minuri għandhom jiġu akkompanjati bl-assistenza tal-Pulizija jew tal-Marixxalli tal-Qorti, skond il-każ;

U dan taħt kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorit jidhrilha li jkun xieraq u opportun fiċ-ċirkustanzi.

Bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimata, li in forza taghha hija eccepiet :

Illi mhuwiex minnu li l-partijiet kienu habitually resident gewwa l-Ingilterra;

Illi l-partijiet kienu marru jippruvaw jghixu l-hajja bhala mizzewgin gewwa l-Ingilterra u marru bi prova;

Illi l-hajja ta' bejniethom marret hazin u wara sena gja marru jghixu l-hajja separatament. Illi t-tifel kien ighix mal-omm u l-missier kien biss jara u kien iraqqdu mis-Sibt ghal Hadd;

Illi qatt ma kienet l-intenzjoni li jemigraw imma biss bhala prova;

Illi meta l-hajja tal-esponenti bdiet sejra mill-hazin ghall-aghar ddecidiet li tigi lura Malta bit-tifel;

Illi zgur ma kienitx l-intenzjoni li temigra lejn l-Ingilterra meta titla u lanqas xoghol ma ghandek u tghix bil-bidu fuq l-assistenza socjali;

Illi ukoll ghaddejjin trattattivi sabiex ir-ragel jigi lura Malta u jara lill-ibnu gewwa Malta pero ma hemmx ftehim fuq manteniment ghax ma jrid jaghti xejn;

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett titlob sabiex dan ir-rikors jigi michud kontra r-rikorrenti;

Semghet lix-xhieda ili tressqu, rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi ir-rikors thalla ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tad-dipartiment rikorrenti sabiex tordna r-ritorn tal-minuri X C gewwa l-Ingilterra *ai termini* tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta' Malta u dan  fost talbiet ghal provvedimenti ohra fl-ahjar interessi tal-minuri.

**Il-Verzjoni tad-dipartiment rikorrenti**

Permezz tar-rikors promotur, id-direttur rikorrenti jirrileva li l-minuri X C twieled f'Malta nhar it-28 ta' Dicembru 2009 lil genituri li m'humiex mizzewgin. Jsostni li l-genituri tal-minuri kienu emigraw lejn l-Ingilterra bl-intenzjoni li jsibu impjieg u jaghmlu futur u dan sar f'Mejju 2012. Ghalkemm il-hajja ma kienitx tant facli, wara ftit xhur, l-intimata bdiet kors ta' thejjija biex tidhol tistudja l-Universita' fl-Ingilterra s-sena ta' wara. Wara sena u tliet xhur, il-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom b'dan li bdew jghixu b'mod separat pero' baqghu jghixu l-Ingilterra u l-intimata dahlet l-Universita' fl-Ingilterra stess. Dan ghamlitu bhala residenti tar-Renju Unit. Bejniethom intlahaq ftehim verbali dwar l-access. Gew Malta ghal gimgha (tal-Festa) fejn inqala' incident izda regghu irritornaw lura lejn l-Ingilterra. Il-minuri kien dahal l-iskola gewwa l-Ingilterra wkoll. Imbaghad, xahar qabel il-Milied, l-intimata infurmat lill-missier li kienet bi hsiebha tinzel Malta ghall-Milied ghaliex missierha kien xtralha biljett tal-ajru u ghal dan PC ma sab ebda oggezzjoni.

Fit-16 ta' Dicembru 2013, meta oht il-missier marret biex tigbor lill-minuri mill-iskola (u dan fuq struzzjonijiet tal-intimata), skopriet li l-minuri ma kienx hemmhekk u ghalhekk, wara diversi tentattivi sabiex jaghmel kuntatt mal-istess intimata, l-missier intavola rapport mal-Pulizija gewwa l-Ingilterra. Il-missier mill-ewwel haseb li l-omm kienet hatfet lill-minuri lejn Malta u kif ivverifika dan, ghamel kuntatt mal-Awtorita' Centrali fl-Ingilterra sabiex l-Awtorita' Centrali f'Malta tmexxi bil-proceduri odjerni. Izid jghid ukoll li meta kkonfronta lill-intimata dwar il-fatt li qabdet u hadet lill-minuri Malta minghajr il-kunsens tieghu, qaltlu li t-tfal ghandhom ikunu mal-omm.

**Il-Verzjoni tal-intimata**

Permezz tar-risposta taghha l-intimata tikkontendi li m'huwiex minnu li l-minuri kien *habitually resident* gewwa l-Ingilterra u dan *stante* li l-partijiet

kienu marru jippruvaw jghixu gewwa l-Ingilterra biss bi prova. Fi kliemha stess tghid li "***l-ideja kienet li nitilghu, nahdmu t-tnejn li ahna u nfaddlu somma flus u ninzlu lura Malta bil-flus biex ma niddejnux mill-bank***"[1]. Tghid li l-hajja taghhom marret hazin u wara sena bdew jghixu separatament b'dan li l-minuri kien jghix mal-omm. Issostni li qatt ma kien hemm intenzjoni li bhala genituri tal-minuri jemigraw u kien ghalhekk li meta l-hajja bdiet sejra ghall-hazin, iddecidiet li tigi lura Malta bil-minuri. Tikkontendi li qalet lill-missier b'din l-intenzjoni u r-risposta tal-missier kienet fin-negattiv. Tikkonferma wkoll li l-passaport tal-minuri kien f'idejha u li l-missier kien accetta li zzommu hi. Izzid tghid ukoll li n-nuqqas ta' intenzjoni li temigra johrog mill-fatt li lanqas kellha xoghol u li kienu qed jghixu fuq l-ghajnuna socjali u li ghaddejjin trattattivi sabiex il-missier jigi lura Malta u jara lil ibnu f'Malta pero' m'hemm ebda ftehim dwar manteniment ghaliex tikkontendi li l-missier ma jrid ihallas xejn. Fix-xiehda taghha tghid ukoll li qabel ma telqet mill-Ingilterra kienet marret tiehu parir mis-*Citizens Advice Bureau* fejn qalulha li setghet titlaq mill-Ingilterra bil-minuri minghajr problemi ta' xejn ghaliex kellha kull dritt li taghmel hekk, izda zzid tghid ukoll li l-avukat taghha qalilha li fil-verita' dawn ma kienux *legal advisors* ghalkemm hi ma kienitx taf b'dan il-fatt. Madanakollu, fil-*weekend* qabel nizlet Malta, iltaqghet mal-missier b'dan li ma qaltlux bl-intenzjoni taghha li tinzel Malta bil-minuri u tibqa' hawn. Tikkonferma wkoll li ma intavolat ebda procedura relatata ma' kura u kustodja gewwa l-Ingilterra.

Fix-xiehda taghha viva-voce tispjega wkoll li l-missier offrielha kuntratt li permezz tieghu setghu jaslu ghal ftehim b'dan li l-minuri jghix Malta, ma jivversa ebda manteniment u jwaqqa' l-kaz odjern kontra taghha. In kontro-ezami tikkonferma li kellha l-intenzjoni li taghmel kors ta' tliet snin l-Universita' L-Ingilterra li kellu jispicca fis-sena 2016. L-intimata tikkontendi li wara li jispicca dan il-kors, kellha l-intenzjoni li tinzel Malta. Tghid li ma inghatatx xi beneficcju ghaliex "***for benefit purposes only you're not considered to be habitually resident in the UK***" u b'dan issostni li peress li ma kkontribwixxietx ghall-pajjiz, ma setghetx tiehu tali beneficcju. Ghalhekk tikkonferma li ma haditx tali beneficcju mhux ghax

[1] Ara x-xhieda tal-intimata a fol 45 tal-process

ma kienitx *habitually resident* izda ghaliex ma kienitx ghamlet kontribuzzjonijiet lill-pajjiz.

**Il-Mertu tal-Kaz Odjern**

Apparti x-xiehda tal-missier, id-direttur rikorrenti jipprezenta numru ta' dokumenti, fosthom il-kuntratt ta' kera ghal post mikri minn A B[2], r-registrazzjoni taghha mal-Universita'[3], r-registrazzjoni tal-minuri fi skola gewwa l-Ingilterra[4], registrazzjoni mal-NHS[5] u l-licenzja tat-TV[6] li permezz taghhom jikkontendi li kuntrarjament ghal dak li ssostni l-intimata, kien hemm intenzjoni li l-partijiet jghixu l-Ingilterra u li kienu *habitually resident* gewwa l-Ingilterra bil-konsegwenza li l-minuri wkoll kien *habitually resident* gewwa l-Ingilterra. Il-Qorti tirrileva li kemm minn tali dokumentazzjoni kif ukoll mix-xiehda taz-zewg partijiet jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet ma telghux l-Ingilterra b'mod temporanju jew ghal xi btala. Tant hu hekk li l-intimata ddecidiet li tmur l-Universita' gewwa l-Ingilterra stess (minkejja li f'Malta ma kellha thallas ghal xejn jekk tmur l-Universita') u l-minuri ddahhal l-iskola. Tali decizjonijiet, li minnhom innifishom juru intenzjoni ta' natura permanenti u li zgur ma jurux xi intenzjoni li l-partijiet riedu jigu lura Malta fi zmien qasir, jikkorraboraw it-tezi tal-attur u cioe' li l-partijiet marru l-Ingilterra ghaliex emigraw hemmhekk. Tant hu hekk, li meta r-relazzjoni taghhom spiccat, l-intimata ma bdietx tikkontempla li tigi lura Malta, anzi kriet post biex tkompli tghix gewwa l-Ingilterra. Dan sar ghaliex fil-verita' l-partijiet kellhom kull intenzjoni li jibqghu jghixu gewwa l-Ingilterra ghaliex kienu *habitually resident* hemmhekk kif wara kollox kien il-minuri.

Permezz tax-xiehda ta' Charmaine Buhagiar[7] gie konfermat li l-minuri X kien jghix l-Ingilterra, tant li taghti l-indirizz fejn kien jghix ghall-ewwel

[2] Ara a fol 64 tal-process
[3] Ara a fol 66 tal-process
[4] Ara a fol 68 tal-process
[5] Ara a fol 69 tal-process
[6] Ara a fol 70 tal-process
[7] Esebita a fol 76 tal-process

sena u tispjega li sussegwentement, biddel l-indirizz ghal iehor fl-Ingilterra stess. Ix-xhud tikkonferma wkoll li l-minuri kien jattendi l-iskola ta' St. Edmonds b'dan li qabel kien jattendi wkoll *playschool*. Tispjega li l-intimata kienet izzomm lill-minuri mahmug pero' jrid jigi rilevat li l-kura u l-kustodja tal-minuri m'hijiex il-mertu tal-kaz odjern. Tispjega li f'Settembru 2013, il-ġenituri tal-minuri gew Malta flimkien bil-minuri ghalkemm ma kienux ghadhom f'relazzjoni. Dan ghamluh ghaliex kellhom il-biljetti lesti mixtrija u wara l-btala regghu marru l-Ingilterra flimkien. Teskludi li qatt kellhom l-intenzjoni li jibqghu Malta. Tikkonferma wkoll li meta l-partijiet originarjament telghu l-Ingilterra, ma kellhomx impjieg izda tghid li kellhom l-ghajnuna mill-Gvern. Tispjega li minn mindu l-minuri ttiehed lejn Malta, l-missier gie Malta b'kollox tlett darbiet ghalkemm issostni li f'dan il-perjodu li kien hawn Malta huwa qatt ma fittex xoghol.

L-intimata tipprezenta numru ta' dokumenti li jikkonfermaw li kienet studenta tal-Universita' u li l-minuri kien beda l-iskola fl-Ingilterra. Tispjega li minkejja li ma kellha ebda intenzjoni li temigra, l-minuri kellu necessarjament imur l-iskola ghaliex hija xi haga li trid issir bilfors, indipendentement kemm iddum gewwa l-Ingilterra. Ta' interess partikolari huwa dokument immarkat bhala AL6[8] li juri l-parir li inghatat l-intimata qabel ma telqet mill-Ingilterra bil-minuri u li permezz tieghu l-intimata turi li huwa minnu li tawha l-parir li setghet titlaq mill-Ingilterra bil-minuri. Huwa minnu wkoll pero' li l-istess dokument isemmi li f'kaz li l-*ex-partner* jaf li ser titlaq bil-minuri, hu jista' jiehu passi legali biex iwaqqafha. Dan il-fattur u d-dokument innifsu jgib mieghu zewg konsegwenzi u cioe' l-ewwel wiehed li l-parir inghata minn persuna li m'huwiex avukat u t-tieni wiehed li l-istess dokument isemmi l-eventwalita' li l-missier jista' jzommha milli tigi Malta bit-tifel jekk ikun jaf. Il-Qorti hija tal-fehma li l-intimata seta' kellha kull intenzjoni tajba meta hadet tali parir, l-istess parir m'ghandu ebda piz ghaliex m'huwiex moghti minn avukat jew awtorita' li setghet taghti parir legali. Barra minn hekk, il-fatt li l-missier ma kellux idea li l-minuri kien ser jittiehed lejn Malta (u dan tikkonfermah l-intimata stess fix-xiehda taghha) jwaqqa' l-istess dokument u l-piz tieghu ghaliex anke l-istess dokument (li jerga' jigi

[8] Esebit a fol 121 tal-process

enfasizzat m'huwiex dokument legali jew mahrug minn avukat) jikkontempla xenarju fejn il-missier jiehu passi legali biex iwaqqafha milli titlaq lejn Malta. Jidher car li l-istess intimata ma stqarritx il-verita' u cioe' ma qalitx lil min kien qed jaghtiha tali parir li l-missier ma kellux idea dwar il-pjan taghha. Anke li kieku kien il-kaz, il-fatt jibqa' li l-missier ma kienx jaf li ibnu kien gej Malta u li l-intimata kellha kull intenzjoni li tibqa' hawn Malta.

Illi mill-provi jirrizulta bl-aktar mod car (u dan anke *ex admissis* mill-intimata stess meta tghid li ma hadet ebda passi legali relatati ma' kura u kustodja) li hi u missier il-minuri X (ghall-anqas sa' qabel ma giet lura Malta), bhala genituri kienu jgawdu minn drittijiet ta' awtorita' ta' genituri fuq il-minuri u dan *ai termini* tal-Artikolu 2(2) u Artikolu 4(1)(a) tac-*Children Act 1989* tar-Renju Unit. Il-Qorti tirrileva wkoll li qabel ma l-intimata giet Malta bil-minuri, dan tal-ahhar kien residenti fl-Ingilterra b'dan li anke l-minuri kien *habitually resident* hemmhekk. Il-Qorti taghmilha cara li mid-dokumentazzjoni kollha esebita kif ukoll mix-xiehda prodotta johrog car li l-intenzjoni tal-partijiet (minghajr ma wiehed jidhol fil-kwistjoni dwar jekk tali decizjoni kienitx wahda tajba jew le) kienet dik li jistabbilixxu ruhhom l-Ingilterra kif fil-fatt ghamlu. Tant hu hekk li l-minuri dahal l-iskola u l-intimata dahlet ghal kors universitarju ta' tliet snin. Dan kollu juri intenzjoni wahda u cioe' dik li l-partijiet riedu joqghodu l-Ingilterra ghall-anqas ghal numru ta' snin.

Jirrizulta b'mod car ukoll li l-intimata giet bil-minuri Malta minghajr l-approvazzjoni tal-missier. L-intimata stess tikkonferma li ma qalet xejn dwar tali pjan, anzi tammetti li bezghet li seta' jwaqqafha milli tigi Malta. Il-fatt li kienet bezghana juri kemm fil-verita' l-intimata kienet konxja li qed taghmel xi haga li ma jmisshiex taghmel, ghalkemm tipprova targumenta li dwar dan hadet parir (liema parir ma jistax jinghad li kien wiehed legittimu, ghalkemm lanqas li kieku kien, ma kien ser iwassal ghal xi decizjoni differenti).

Ghalhekk, tenut kont ta’ dak suespost u tenut kont tal-fatt li l-minuri ttiehed mir-residenza ordinarja tieghu gewwa l-Ingilterra biex ingieb f’Malta minghajr il-kunsens jew l-approvazzjoni tal-missier (b’dan li ma kien hemm ebda awtorizazzjoni li l-minuri jibqa’ jghix hawn Malta b’mod permanenti), b’applikazzjoni tal-Artikolu 12 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 410 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti qieghda tilqa’ r-rikors promotur u t-talbiet kollha tad-dipartiment rikorrenti u konsegwentement tordna r-ritorn tal-minuri X C gewwa l-Ingilterra b’dan li tali ritorn ghandu jsir bl-ghajnuna u bl-involviment kollu necessarju tad-Dipartiment rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------